

# Niċeċ u Statwi ta' San Ġużepp fit-toroq tagħna

Chev. Mario Coleiro O.S.J.

Din id-devozzjoni lejn San Ġużepp fil-gżejjer tagħna hija waħda b'saħħitha ħafna. Dan juruh id-diversi parroċċi ddedikati lilu bħall-Kalkara, Qala Għawdex, Imsida, San Ġużepp Ħaddiem Birkirkara u l-Manikata. Insibu wkoll diversi rħula li fihom tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp, bħal Ħal Għaxaq, Ħal Kirkop, Ħaż-Żebbuġ, il-Ħamrun u r-Rabat ta' Malta. Nistgħu ngħidu li fil-knejjes kollha ta' pajjiżna teżisti vara jew statwa ta' San Ġużepp. Fil-maġġoranza kbira tal-knejjes insibu xi artal jew xi kwadru ddedikat lil dan il-qaddis kbir. San Ġużepp huwa preżenti wkoll fit-toroq tagħna kemm b'ismijiet ta' toroq kif ukoll b'mijiet ta' niċeċ u statwi preżenti fil-bliet u l-irħula kollha ta' pajjiżna. Eżempju ta' dan ser nagħti xi ċifri li juruna kif din id-devozzjoni hija qawwija ħafna. Ġewwa Ħal Qormi nsibu 26 niċċa ddedikati lil San Ġużepp, 23 fir-Rabat ta' Malta, 18 f'Ħaż-Żebbuġ, 14 f'Birkirkara, 13 f'Ħal Għaxaq, 13 oħra fil-Mosta, 12 fiż-Żurrieq, 11 fis-Siġġiewi, 10 f'Ħaż-Żabbar. Dawn iċ-ċifri juru kemm din id-devozzjoni hija diffuża madwar pajjiżna. Iżda barra niċeċ mal-faċċati tad-djar u knejjes insibu wkoll numru ta' statwi tal-ġebel fuq pedestalli li jżejnu l-pjazez tagħna.



L-istatwa ta' San Ġużepp tal-ġebel armata għall-festa ġewwa l-lokalità ta' Ħal Għaxaq

Ħafna minn dawn l-istatwi għandhom stejjer marbuta magħhom jew inkella taw l-isem lill-post partikulari bħal ngħidu aħna dik ta' San Ġużepp tat-tarġa fil-Mosta. Din l-istatwa tagħat l-isem lil dawn l-inħawi u saret sinonima mat-telgħa li minn Burmarrad itellgħek il-Mosta. Fuq il-pedestall għandha lapida li tgħid li min jirreċta Paternoster u Ave Marija quddiemha jieħu 40 ġurnata indulġenzi. Mid-data jidher li din il-lapida tqegħdet hawn fis-sena 1873 fi żmien l-Isqof Pietru Pace. Fil-Mosta nsibu żewġ statwi oħra ta' San Ġużepp fuq pedestall waħda tinstab fuq iz-zuntier tar-Rotunda xogħol l-iskultur C. Apap u hija tal-bronż. L-oħra nsibuha fit-triq li tgħaqqad il-Mosta man-Naxxar. Din hija identika ma' dik li nsibu fil-knisja parrokkjali tal-Mosta stess.

Fin-Naxxar insibu statwa tal-ġebel ta' San Ġużepp fuq pedestall fil-ġenb tal-knisja parrokkjali. Fuq il-pedestall ta' din l-istatwa fit-28 ta' Novembru 1863, kienet tpoġġiet lapida mill-Isqof Gejtano Pace Forno li tgħid li min jitlob quddiemha jirbaħ l-indulġenzi.

Fil-pjazza tal-Gudja nsibu statwa simili li ukoll tinsab fil-ġenb tal-knisja. Fil-konfini bejn Ħal Lija u Ħal Balzan f'wesgħa mit-triq, insibu statwa antika ta' San Ġużepp li ġiet restawrata riċentament. Din l-istatwa kienet gawdiet minn indulġenzi li kienu ingħataw mill-Isqof Pietru Pace fil-1913. Il-lapida mal-pedestall tgħid li min jitlob quddiem din l-istatwa jirċievi 100 ġurnata ta' indulġenzi.

Ġewwa Ħal Qormi f'nofs il-pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Vitorja naraw statwa sabiħa tal-ġebel fuq pedestall skulturat li turi lil San Ġużepp bil-Bambin. Il-lapida li naraw fuq il-pedestall ta' din l-istatwa juri li fis-sena 1892 l-Isqof Pietru Pace ta indulġenzi lil min jitlob quddiemha. Filwaqt li f'Ħaż-Żebbuġ l-istatwa ta' San Ġużepp fuq il-pedestall insibuha żżejjen iz-zuntier tal-knisja parrokkjali.

F'San Pawl il-Baħar, fil-ġenb ta' Triq San Pawl li tieħdok għax-Xemxija, naraw statwa ta' San Ġużepp fuq pedestall biswit dar antika ħafna. Din l-istatwa għandha lapida li tgħid li l-Isqof Franġisku Saverio

Caruana kien ta 40 jum ta' indulġenza lil min jitlob quddiemha.

Fir-Rabat ta' Malta riċentament saret statwa ġdida ta' San Ġużepp, xogħol l-iskultur Rabti Anton Agius. Din tqegħdet f'nofs it-triq quddiem il-mużew tal-antikitajiet Rumani.

Ġewwa s-Sannat Għawdex, lil San Ġużepp insibuh isebbaħ iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. L-istess nistgħu ngħidu għas-santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn ukoll naraw statwa ta' San Ġużepp ma' statwi oħrajn iżejnu l-pjazza ta' quddiem il-knisja. Fir-raħal tax-Xagħra lil San Ġużepp insibuh ukoll fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali.

Fil-Kalkara riċentament saret statwa ta' San Ġużepp tal-irħam fix-xatt, faċċata tal-knisja parrokkjali. Ġewwa Ħal Għaxaq fit-triq ta' wara l-knisja parrokkjali riċentament saret statwa tal-ġebel fuq pedestall. Din tkompli żżid in-numru ta' dawn l-istatwi fit-toroq tagħna u fil-pjazez.

Dan kollu jixhed id-devozzjoni qawwija li San Ġużepp igawdi ġewwa pajjiżna u din ma tillimitax ruħha biss għal dawk l-ibliet u l-irħula li jiċċelebrawlu festa imma hija diffuża ma' kull rokna tal-gżejjer tagħna l-Maltin.

Il-Kumitat iħeġġeġ
lir-residenti Għaxqin kollha
sabiex isegwu
l-istazzjon Ġużeppin
89.1fm

